# Avvent u Milied bis-sens!

be KIDS — L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA — 2025

Merħba tfal! Dan il-fuljett ġie maħsub għalikom, biex waqt li tieħdu pjaċir taqrawh u tagħmlu l-attivitajiet, titgħallmu wkoll. It-tema magħżula għal dan il-fuljett u oħrajn li se jiġu warajh hija **Wholesome**. Xi tfisser Wholesome? Kull ġurnata aħna qegħdin nikbru. Imma importanti li kull ġurnata tkun tiswa u ma naħluhiex. Tiftakruha l-ġrajja ta' meta Ġesù kellu 12-il sena u Marija u Ġużeppi sabuh fit-Templu? Dik il-ġrajja tispiċċa b'dawn il-kliem: "Ġesù baqa' jikber fl-għerf, fis-snin u fil-grazzja, quddiem Alla u quddiem u l-bnedmin" (Lq 2:52). Ejjew mela kull ġurnata nieħdu ħsieb tagħna nfusna biex nikbru mhux biss fil-ġisem, imma wkoll fil-moħħ, fil-qalb u fir-ruħ. Xi kultant forsi ngħidu: "Iġri jkolli 16-il sena" jew "18-il sena"! Għalfejn din l-għaġġla kollha? Ejjew napprezzaw iż-żmien li qegħdin fih. Waħda mill-affarijiet li jgħallimna l-Avvent hija din... li rridu nistennew. Għandna 4 ġimgħat qabel ma niċċelebraw il-festa tal-Milied. Mela ejjew, fl-Avvent nitgħallmu nimxu pass pass, nikbru kuljum u kull ġurnata nagħmluha tagħmel sens kemm jista' jkun.

Nisperaw li tieħdu gost b'dan il-fuljett li sar għalikom!

Tislijiet, **It-Tim Pastorali Tfal**

## Ġesù Fostna - Il-Milied ta' Papa Panov

Kien lejlet il-Milied, u Papa Panov, l-iskarpan xwejjaħ u twajjeb, kien bilqiegħda waħdu fil-ħanut żgħir tiegħu. Barra fuq il-bankina, in-nies kienu għaddejin mgħaġġla lejn darhom bir-rigali u l-ikel f'idhom. Papa Panov tbissem, imma fl-istess ħin ħass vojt kbir f'qalbu.

Huwa fetaħ il-Bibbja u beda jaqra dwar it-twelid ta' Ġesù. F'qalbu qal: *"Kieku Ġesù jiġi jżurni, nagħtih l-isbaħ żarbun li qatt għamilt!"*

Dak il-lejl, Papa Panov ħolom b'Ġesù li qed jgħidlu: *"Għada pprepara ruħek għalija għax se niġi nżurek f'Jum il-Milied."*

L-għada filgħodu kmieni, Papa Panov ħass ferħ f'qalbu. Naddaf il-ħanut tiegħu u pprepara l-kafè. Imbagħad qagħad jistenna lil Ġesù. Il-ħin beda għaddej. Papa Panov beda jħossu diżappuntat.

Mit-tieqa tal-ħanut, lemaħ kennies fqir iterter bil-bard u l-kesħa. Papa Panov stiednu jidħol għandu u tah tazza kafè. Aktar tard, ra mara għajjiena li kienet bil-ġuħ. Huwa taha biċċa ħobż u għenha ġġorr il-basket tqil tagħha. Imbagħad, ra omm żgħira b'tarbija ħafja. Papa Panov malajr mar ġab żarbun żgħir li kien ħadem hu u tahulha.

Issa kien sar filgħaxija u Papa Panov tgħidx kemm tbikkem u ħassu mnikket u qal: *"Ġesù ma ġiex."* Imbagħad sema' leħen ħelu jgħidlu:

*"Kont bil-ġuħ u tmajtni. Kont qed interter bil-bard u lqajtni għandek. Ma kellix x'nilbes u libbistni. Dak li għamilt mal-oħrajn, għamiltu miegħi."*

Papa Panov tbissem. Ġesù tassew kien ġie jżuru fil-persuni li kien għen.



**Riflessjoni**

Illum, kif nista' nara lil Ġesù fl-oħrajn? Min jeħtieġ il-qalb tajba tiegħi, it-tbissima tiegħi, jew xi tip ta' għajnuna mingħandi?

### Idejn ta' Għajnuna

**Attività ta' Talb**

1. Pinġi l-forma ta' jdejk fuq biċċa karta.
2. Ikteb jew pinġi xi ħaġa tajba u ta' ġid li tista' tagħmel inti lil xi ħadd.
3. Itlob lil Alla biex jgħinek tara lil Ġesù fl-oħrajn billi turihom li tħobbhom.

Aqra **Luqa 1:26-56** u **Luqa 2:1-21** biex issolvi din it-tisliba.




**Weqfin**

1. X'kien jismu l-anġlu li deher lil Marija?
3. X'kien jisimha l-qariba ta' Marija li fi xjuħitha kien se jkollha tarbija?
5. Imla l-vojt, "Ruħi tfaħħar il- ... tal-Mulej."
8. Fejn kellhom imorru Ġużeppi u Marija fuq digriet ta' Ċesari Awgustu?
9. It-tarbija tpoġġiet ġo din.
10. Dawn kienu l-ewwel nies li żaru lit-tarbija ta' Marija u Ġużeppi.
12. Kompli s-sentenza, "Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet, u ...
14. Kompli s-sentenza, "Marija, min-naħa tagħha, baqgħet ... f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha."
15. X'isem taw lil din it-tarbija?

**Mimdudin**

2. Marija kienet toqgħod f'dan ir-raħal.
4. X'kien jismu r-raġel ta' Eliżabetta?
6. Marija damet ... xhur għand Eliżabetta.
7. X'ordna li jsir Ċesari Awgustu?
11. L-anġlu qalilhom, "Tibżgħux, qiegħed inħabbrilkom ... kbir."
12. L-anġlu qal ukoll li din it-tarbija kellha tkun "..., li hu l-Messija, il-Mulej."
13. X'għamlu lil Ġesù meta kellu ftit jiem?
14. Dak li għamlu lil Ġesù tarbija, seħħ fit-"... jum."

**Ftakru li 'ie' u 'għ' huma ittra waħda.**

*Għal aktar riżorsi dwar l-Avvent u l-Milied, skenja dan il-QR code:*

# WHOLESOME

*Ngħix l-Avvent b'qalbi kollha, b'ruħi kollha, b'moħħi kollu u bil-qawwa tiegħi kollha.*



## L-Ewwel Ħadd tal-Avvent

F'dan il-Ħadd nisimgħu fuq personaġġ mit-Testment l-Antik. Dan hu **Noè**, raġel li kien jaf jisma' lil Alla u jagħmel għażliet tajba. Alla riedu jibni arka u hekk isalva lill-familja tiegħu u l-annimali minn dulluvju kbir (ara Mt 24:37-44).

Noè jgħallimna jkollna **qalb** attenta biex tisma' lil Alla u tagħmel dak li jixtieq minnha.

*Tista' tgħin lill-iljun jasal fl-arka?*







## It-Tielet Ħadd tal-Avvent

Il-Profeta **Iżaija** kien iħeġġeġ lill-poplu Lhudi biex jerġa' lura għand Alla. Ta' spiss fakkarhom li Alla qatt ma jabbanduna lill-poplu tiegħu, anke fi żminijiet diffiċli. Dan il-Profeta ħabbar li: *"Hu stess ġej biex isalvakom"* (ara Iż 35:1-6a,10).

Iżaija jurina lil Alla bħala Missier li jismagħna u jħobbna bla qies. Alla jixtieq li aħna nħobbuh bil-**moħħ** tagħna kollu billi nagħżluh fuq kollox.



*Matul din il-ġimgħa uri ġest ta' mħabba ma' xi ħadd li tiltaqa' miegħu.*





## It-Tieni Ħadd tal-Avvent

**Ġwanni l-Battista** kien jgħix fid-deżert u jilbes libsa tax-xagħar tal-ġemel u l-ikel tiegħu kien ġradijiet u għasel selvaġġ. Għandu kienu jmorru nies mill-inħawi kollha ta' madwar ix-xmara Ġordan. Kienu jistqarru dnubiethom u jgħammidhom (ara Mt 3:1-12).

Kemm hu sabiħ li nħejju r-**ruħ** tagħna biex f'dan l-Avvent nilqgħu lill-Mulej li ġej!

Matul dan iż-żmien sabiħ tas-sena fittex li ssib ħin u tmur titlob maħfra lil Ġesù permezz tas-Sagrament tal-Qrar.

Qabel ma tmur, ftakar f'din it-talba: *"Mulejja, Alla tiegħi, inti tħobbni ħafna. Jiddispjaċini talli għidtlek le bi dnubieti. Mil-lum 'il quddiem, bil-għajnuna tiegħek, ma nerġax nagħmel dnubiet iżjed u rrid inħobbok fuq kollox."*





## Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent

F'dan l-aħħar Ħadd niltaqgħu ma' **Ġużeppi**, ir-raġel ta' Marija u l-missier li ħa ħsieb lil Ġesù. Hu kien bniedem ta' fidi kbira tant li ma ħalliex il-biża' taħkmu meta ma fehemx għalkollox dak li Alla ried minnu (ara Mt 1:18-24).

Quddiem xi biżgħat, itlob lil Ġesù jagħtik il-**qawwa** u l-kuraġġ biex tagħmel dejjem dak li hu sewwa.

*Kompli din is-sentenza:*

***"Ara, ix-xebba tnissel u jkollha _ _ _ _ _ ,***

***u jsemmuh Għimmanu-El', li bi lsienna jfisser***

***'_ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ . ' "***